**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 5 ta' Ottubru, 2016**

Numru 13

**Rikors Guramentat Nru. 637/2012**

**Elizabeth Pizzuto**

**Vs**

**Joseph Busuttil, Mary Grace Buhagiar, Maria Elena Richardson**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tal-21 ta' Gunju 2012 li jghid hekk:

Illi l-kontendenti huma ulied u l-werrieta ta' John Busuttil, li miet fil-25 ta' Jannar, 2005, u ta' Olga Busuttil, li mietet fit-2 ta' Frar, 2011, u dan bis-sahha ta' testament tal-14 ta' Frar, 1995;

Illi l-intimat Joseph Busuttil kien nominat esekutur testamentarju tal-imsemmija John u Olga Busuttil, u f'ebda esekuterija ma ghamel inventarju tal-beni tal-wirt relattiv u lanqas rendikont;

Illi l-eredita tal-imsemmija John u Olga Busuttil tinkludi il-fond 130, Triq Bwieraq, Birkirkara, li l-intimati qed jirrifjutaw, minghajr ebda raguni valida, jhallu lir-rikorrenti li jkollha access ghall-imsemmi u li tuzah;

Illi r-rikorrenti ma ghandhiex informazzjoni dwar il-konsistenza tal-eredita' ta' l-imsemmija John u Olga Busuttil, u l-intimati qed jirrijutaw li jaghtu tali informazzjoni lir-rikorrenti;

Illi r-rikorrenti ghandha suspett illi l-intimati jew min minnhom ghandu fil-pussess tieghu beni, flus, depositi bankarji u investimenti appartenenti lill-ereditajiet ta' John u

Olga Busuttil f'liema kaz l-intimati ghandhom jirritornaw l-istess lill-eredita rilevanti jew ihallsu lir-rikorrenti sehemha minnhom;

Illi ir-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett li, prevja id-dikjarazzjonijiet necessarji u wara li jinghataw il-provvedimenti opportuni, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

1. Tikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju jaghtu lir-rikorrenti access ghall-fond 130, Triq Bwieraq, Birkirkara u jhalluha tuza u tinqeda bl-istess fond skont l-artikolu 491 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tistabilixxi l-konsistenza tal-wirt ta' John u Olga Busuttil u minn x'hiex jikkonsistu l-istess ereditajiet ta' John u Olga Busuttil;

3. Tiddikjara li l-intimati, jew min minnhom, ghandhom fil-pussess taghhom jew taht il-kontroll taghhom, minghajr ebda titolu validu skont il-ligi, beni, flus, depositi bankarji u investimenti li jappartjenu jew ghandhom jappartjenu lill-wirt / ereditajiet tal-imsemmija John u Olga Busuttil;

4. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, jirritornaw fil-wirt tal-imsemmija John u Olga Busuttil jew ihallsu lura lill-istess wirt dawk il-beni jew flus li jappartjenu lill-istess wirt, skont kif dikjarat minn dina l-Onorabbli Qorti skont it-tielet talba, u f'kaz ta' flus jew depositi bankarji jew investimenti billi dan isir, jekk din l-Onorabbli Qorti hekk jidhrilha li ghandha tordna, bi hlas dirett ta' terz taghhom lir-rikorrenti skont kif l-istess Onorabbli Qorti tordna;

5. Tordna lill-intimat Joseph Busuttil sabiex fi zmien qasir u perentorju (i) jaghmel inventarju tal-beni fl-ereditajiet ta' John u Olga Busuttil li taghhom huwa esekutur testamentarju, prejva jekk hemm bzonn billi tvarja kull digriet moghti mill-Qorti Civili bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja u (ii) jaghti rendikont tal-istess esekuterija.

Bl-ispejjez komprizi tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Novembru, 2011, u tal-ittri bonarji tat-23 ta' Novembru, 2011, tas-26 ta' Marzu, 2012, tal-5 ta' April, 2012,u tat-2 ta' Mejju, 2012.

Salv kull azzjoni ohra u rimedju iehor spettanti lir-rikorrenti.

L-intimati huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament l-esponenti jissottomettu li l-azzjoni tar-rikorrenti hija ghal kollox intempestiva u dan billi kienu qed isiru trattattivi bejn il-partijiet sabiex, flimkien, bejn l-ahwa, isir inventarju tal-assi kollha, inkluz dawk misjuba gol-fond imsemmi u sahansitra, wara li din il-proposta giet accettata mir-rikorrenti, l-esponenti kienu qed jistennew, minn ghandha, data biex jiltaqghu halli jsir u minflok gew notifikati b'din il-kawza, b'hekk, bl-akbar rispett, jinghad li ma kienx hemm ghalfejn jigu intavolati dawn il-proceduri;

2. Illi l-ewwel talba, ai termini tal-artikolu 491 tal-Kap. 12, ma tistax tintlaqa' billi dan l-artikolu ma jipprovidix ghal dak mitlub u ghalhekk ghandha tigi respinta, bl-akbar rispett lejn id-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi l-esponenti, inkluz l-intimat, Joseph Busuttil, fil-kapacita tieghu ta' esekutur testamentarju, qatt ma cahdu u/jew ostakolaw l-pussess li r-rikorrenti ghandha fuq ii-fond imsemmi. Fil-fatt bhala eredi hija ghandha l-pussess legali daqs l-eredi l-ohra u ghalhekk meta trid tista' taghmel uzu minn dan. Dan huwa fatt pacifiku u ma kienx hemm bzonn, bl-akbar rispett, jigu intavolati dawn il-proceduri ghal dan ir-rigward. Illi mhux kompitu u obbligu tal-koeredi li jipprovdu dan l-access imma dak huwa dritt tal-attrici li gia ghandha;

4. Illi jinghad li, fid-dawl tal-5 talba attrici, biex isir inventarju, it-tieni talba attrici hija bl-akbar rispett irrisorja billi ser tinvolvi lil din l-Onorabbli Qorti f'ezercizzju li ser ikun qed isir fl-inventarju u b'hekk ghandu jigi evitat dublikazzjoni ta' xoghol u ghalhekk din it-talba ghandha tigi respinta billi hija assorbita fil-hames talba attrici;

5. Illi l-esponenti jichdu b'mod kategoriku l-allegazzjoni li huma ghandhom fil-pussess taghhom proprjeta jew oggetti li ma jappartjenux lilhom u huma assi tad-defunti. Ir-rikorrenti qed tiddikjara, hi stess fil-premessi tar-rikors guramentat f'dawn il-proceduri ma tafx il-konsistenza tal-eredita tad-defunti. Mhux minnu li hi talbet ghal din l-informazzjoni imma qablet li kellu jsir l-inventarju. Ghalhekk it-tielet talba ghandha tigi respinta, bl-akbar rispett minn din l-Onorabbli Qorti;

6 Illi sussegwentement, ai termini tar-raba' talba attrici ma hemm xejn x'jigi ritornat lura fil-wirt u ghalhekk anke din it-talba ghandha tigi respinta u dan jinghad bl-akbar rispett lejn id-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

7. Illi jinghad mill-esponenti, fid-dawl ta' dan kollu li t-talbiet huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda kollha bl-ispejjez kontra l-attrici;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Rat l-atti u noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Bla dubju din hi kawza minn wahda mit-tfal ta' John u Olga Busuttil li mietu rispettivament fil-25 ta' Jannar 2005 u 2 ta' Frar 2011 kontra hutha l-ohra lkoll eredi naxxenti mill-wirt tal-genituri taghhom.

It-talbiet attrici huma ftit strambi ghax uhud indirizzati kontra l-konvenuti kollha u ohrajn kontra l-konvenut Joseph Busuttil li gie nominat ezekutur testamentarju fit-testment tal-genituri tieghu a fol. 130 et seq. tal-process. Ghalkemm ma gew prezentati ebda dokumenti, jidher li l-partijiet jaqblu illi l-konvenut Joseph Busuttil accetta n-nomina u gie konfermat mill-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja.

It-talbiet attrici huma maqsumin kif gej:

1. Li l-konvenuti jaghtu cavetta tal-fond tal-genituri lil attrici qua koproprjetarja tal-istess fond u sabiex jirritornaw lura fil-wirt l-oggetti kollha inkluz flus, beni u investimenti li jinsabu fil-pussess taghhom appartenenti lil wirt tal-genituri u f'kaz ta' depoziti bankarji, terz minnhom jinghataw direttament lil attrici;
2. Talba biex jigi stabbilit il-konsistenza tal-wirt tal-genituri tal-kontendenti;
3. In kwantu ghal konvenut Joseph Busuttil jaghmel inventarju prevja li jekk hemm bzonn il-Qorti tvarja d-digriet tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja u jaghti rendikont tal-ezekuterija.

B'verbal tas-17 ta' Mejju 2016, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi din mhix kawza ta' likwidazzjoni u divizjoni ta' wirt.

**Cavetta tal-fond**

Jirrizulta illi ghalkemm Joseph Busuttil hu ezekutur testamentarju tal-wirt ta' ommu u missieru, jidher li wara l-mewt tal-omm ic-cavetta tal-fond tal-genituri 130 Triq Bwieraq kienet fil-pusses tal-konvenuti. Wara l-mewt tal-missier fl-2011 ic-cavetta li kienet fil-pussess tal-konvenuti inzammet biss mill-konvenut Joseph Busuttil bhala ezekutur testamentarju. Ghalkemm kien hemm korrispondenza fl-2012 dwar inventarju li kellu jsir ta' dak li kien hemm fid-dar tal-genituri ma jidhirx li ntlahaq ftehim. In ogni kaz il-kwistjoni giet zblokkata mill-Qorti f'din il-kawza meta ordnat li jsir inventarju ta' dak li kien hemm fid-dar tal-genituri, liema inventarju sar u esebit a fol. 144 u 145 tal-process, kopja tac-cavetta tad-dar gie mghoddija lil attrici u l-konvenuti l-ohra mill-konvenut Joseph Busuttil b'ordni tal-'Qorti fid-19 ta' Gunju 2014 (ara fol. 183 tal-process). Din il-kwisjtoni ghalhekk hi maghluqa. L-attrici ssemmi li ghandha tinghata d-dritt li tuza l-fond a bazi tal-artikolu 491 tal-Kap. 16. Dan l-artikolu ma hu

ta' ebda relevanza ghal mertu tal-kawza u ghalhekk it-talba ma fiha ebda sens u qed tigi michuda.

**Talba dwar il-konsistenza tal-wirt tal-genituri tal-kontendenti**

Din it-talba hi meqjusa mill-Qorti bhala barra minn postha. Talba simili ssir f'kawza ta' divizjoni ta' assi ereditarju. Din mhux kawza ghad-divizjoni. Infatti lanqas intalbet il-likwidazzjoni tal-ereditajiet rispettivi tal-genituri tal-kontendenti u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkonsidra talba li ma twassal ghal ebda ezitu finali izda hi biss wahda esplorativa.

**Talba biex jigu ritornati oggetti fil-pussess tal-konvenuti appartenenti lil wirt u f'kaz ta' depozitu bankarju l-attrici tinghata terz direttament**

Din it-talba wkoll ma fihiex mertu li ghandha tigi trattata f'kawza fejn ma hux qed jintalab likwidazzjoni u divizjoni ta' assi ereditarji. Madankollu mix-xhieda prodotta jidher li l-konvenuti nghataw jew hadu affarijiet li xehdu dwarhom u li skond huma nghatawlhom min ommhom bhala proprjetarja taghhom wara l-mewt ta' zewgha u dan bil-poter u dritt li nghatat fit-testment. Il-Qorti mhix ser tidhol f'elenku ta' dak li hadu ghax jirrizultaw mill-atti (ara donazzjoni mill-omm lil konvenuti bl-istess dritt tat-testment unica charta (ara fol. 143 tal-process). Il-Qorti tirreferi ghal affidavit u xiehda in kontroezami tal-konvenuti fejn xehdu dwar oggetti li hadu mid-dar tal-genituri ghax tathomlhom ommhom. Il-Qorti ma ghandhiex u ma tistax tordna r-ritorn ta' dawn l-assi fil-patrimonju tal-eredita tal-genituri tal-kontendenti ghax tali talba fl-astratt minghajr talba li twassal ghal gheluq definittiv ta' kontestazzjoni, f'dan il-kaz il-likwidazzjoni u divizjoni tal-wirt tal-genituri ma tistax ikollha ebda effett legali, tant li l-attrici nfisha ma tibbaza t-talba taghha taht ebda artikolu tal-ligi.

**Talba biex Joseph Busuttil jaghmel inventarju u rendikont tal-ezekuterija**

B'referenza ghal din it-talba la darba l-konvenut Joseph Busuttil kien nominat mill-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja bhala ezekutur testamentarju, talba simili setghet u messha saret quddiem dik il-Qorti kif ghandha poter taghmel u tordna. Madankollu l-

konvenut ghamel inventarju tal-assi apparti li ttelghet xiehda mill-attrici dwar assi li f'xi zmien kien hemm fil-bank appartenenti lil genituri taghha. Ma jidhirx illi l-konvenut sa ma saret din il-kawza cioe sena wara l-mewt tal-missier kien ghadu ta sodisfazzjon lil attrici dwar il-konsistenza tal-assi, x'seta' ttiehed mill-konvenuti wara l-mewt tal-missier u jekk fil-fatt kienx beda jadempixxi l-inkarigu tieghu ta' ezekutur skond id-digriet tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja. Il-Qorti mhix ser tidhol jekk l-inventarju li ghamel u cioe dak riportat fl-affidavit tieghu a fol. 257 tal-process hux ezawrjenti u jekk dawk l-oggetti u flus li ha hu u hutu l-konvenuti ttiehdux legittimament jew le. Dan hu mertu ta' kawza fuq il-wirt u mhux din il-kawza bil-limitazzjonijiet impost bit-talbiet kif maghmula. In kwantu ghar-rendikont il-konvenut ghazel li jesebixxi xi spejjez inkorsi ghand in-Nutar pero ma ghamel ebda rendikont formali kif titlob is-serjeta u r-responsabilita imposta fuq ezekutur.

**Spejjez**

Jibqa' jigi deciz il-kap tal-ispejjez. Il-Qorti ma tqis li t-talbiet attrici kienu intempestivi ghalkemm hi dubbjuza ferm dwar l-ezitu jew beneficcju finali li l-attrici kienet ser tiehu minn azzjoni simili li mhux ser twassal ghal dak li ghandu jkun t-triq logika li ghandha tghaddi minnha cioe li l-wirt tal-genituri jigi likwidat u diviz fejn f'tali kawza jigu ventilati l-kwistjonijiet kollha li tqajmu f'din il-kawza li pero f'din il-kawza ma jsibux ezitu finali ghal hadd ghax ma tressqitx it-talba appozita ghal fini tat-talbiet proposti in konnessjoni mal-wirt.

Il-Qorti tqis illi l-ezekutur testamentarju kellu obligu impost fuqu mill-genituri tieghu u l-ligi sabiex, la darba accetta l-ezekuterija, jadempixxi l-obligu tieghu bi speditezza u korrettezza ma' kull min kien interessat, f'dan il-kaz ma' hutu stess. Sena u nofs wara l-mewt tal-omm cioe sakemm infethet il-kawza kienu ghadu qed jigi dibattut appuntament ghal inventarju ta' dak li kien fadal id-dar minghajr mal-attrici qatt inghatat informazzjoni dwar dak li l-konvenuti hadu fil-hajja ta' ommhom, skond ma xehdu huma, b'donazzjoni minghandha.

Hu minnu li l-kawza ma hi ser twassal ghal ebda ezitu tal-veru skop tal-investigazzjoni tal-assi tal-mejtin genituri u x'sar minnhom pero mill-banda l-ohra l-

agir tal-konvenuti senjatament ta' Joseph Busuttil ma kien ta' ebda ghajnuna biex l-attrici tkun taf x'inhi l-posizzjoni taghha fil-wirt tal-genituri. Fic-cirkostanzi ghalhekk l-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn l-attrici u l-konvenuti.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba attrici ghax ezawrita fil-mori tal-kawza; tichad it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet attrici ghax mhux intizi li jwasslu ghal talba ta' likwidazzjoni u divizjoni ta' assi komuni ereditarji liema talba ma saritx; tastjeni milli tkompli tiehu konjizjoni tal-hames talba attrici billi l-konvenut Joseph Busuttilipprezenta inventarju u ta xi hjiel ta' rendikont ta' xi spejjez u hlasijiet li saru inkluz lil konvenuti mill-omm. L-ispejjez jithallsu nofs mill-attrici u nofs mill-konvenuti in solidum bejniethom.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur